

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 213

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

18 ta' Awwissu 2009

Werrej

I Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 749/2009 tas-17 ta' Awwissu 2009 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 750/2009 tas-17 ta' Awwissu 2009 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009 3

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 751/2009 tas-17 ta' Awwissu 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 745/2009 li jiffissa d-dazji ta' l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali mis-16 ta' Awwissu 2009 5

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 752/2009 tas-17 ta' Awwissu 2009 li jdaħħal denomi-
nazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi
protetti (Batata doce de Aljezur (IĠP))** 8

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2009/108/KE tas-17 ta' Awwissu 2009 li temenda, bl-iskop li din tiġi
adattata għal progress tekniku, id-Direttiva 97/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar
ċerti komponenti u karatteristiċi ta' vetturi ta' żewġ jew tliet roti b'mutur ⁽¹⁾** 10

1

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompili fil-paġna ta' wara)

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja

DEĊIŻJONIJIET

II-Kummissjoni

2009/616/KE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Awwissu 2009 dwar in-nuqqas ta' inklużjoni taż-żejt tal-pitrolju CAS 92062-35-6 fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dik is-sustanza (notifikata bid-dokument numru C(2009) 6303) ⁽¹⁾.....** 26

2009/617/KE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Awwissu 2009 dwar in-noninklużjoni taż-żejt tal-pitrolju CAS 64742-54-7 fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom din is-sustanza (notifikata bid-dokument numru C(2009) 6305) ⁽¹⁾.....** 28



⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 749/2009

tas-17 ta' Awwissu 2009

li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u
ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Awwissu 2009.

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-18 ta' Awwissu 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNEX

il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur fiss tal-importazzjoni
0702 00 00	MK	29,6
	XS	21,6
	ZZ	25,6
0707 00 05	MK	29,2
	TR	101,7
	ZZ	65,5
0709 90 70	TR	104,4
	ZZ	104,4
0805 50 10	AR	75,2
	UY	84,5
	ZA	58,0
	ZZ	72,6
0806 10 10	EG	152,2
	IL	133,8
	MA	141,6
	TR	138,1
	US	170,2
	ZA	147,9
	ZZ	147,3
0808 10 80	AR	112,7
	BR	63,2
	CL	83,6
	NZ	83,8
	US	87,1
	ZA	77,1
	ZZ	84,6
0808 20 50	AR	104,5
	CN	60,2
	TR	135,4
	ZA	92,6
	ZZ	98,2
0809 30	TR	129,0
	ZZ	129,0
0809 40 05	IL	107,7
	ZZ	107,7

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi ffixxata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 750/2009**tas-17 ta' Awwissu 2009****li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

- (1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet

għas-sena tas-suq 2008/2009 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 945/2008 ⁽³⁾. Dawn ilprezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 746/2009 ⁽⁴⁾.

- (2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha fidejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009, huma b'dan mmodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-18 ta' Awwissu 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Awwissu 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.⁽³⁾ ĠU L 258, 26.9.2008, p. 56.⁽⁴⁾ ĠU L 212, 15.8.2009, p. 8.

ANNEX

L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mit-18 ta' Awwissu 2009

(EUR)

Kodiċi NM	Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat	Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat
1701 11 10 ⁽¹⁾	37,14	0,14
1701 11 90 ⁽¹⁾	37,14	3,76
1701 12 10 ⁽¹⁾	37,14	0,01
1701 12 90 ⁽¹⁾	37,14	3,47
1701 91 00 ⁽²⁾	38,65	5,91
1701 99 10 ⁽²⁾	38,65	2,74
1701 99 90 ⁽²⁾	38,65	2,74
1702 90 95 ⁽³⁾	0,39	0,29

⁽¹⁾ Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

⁽²⁾ Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

⁽³⁾ Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 751/2009**tas-17 ta' Awwissu 2009****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 745/2009 li jiffissa d-dazji ta' l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali mis-16 ta' Awwissu 2009**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 tat-28 ta' Ġunju 1996 dwar regoli ta' applikazzjoni (dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-dazji ta' l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali li huma applikabbli mis-16 ta' Awwissu 2009 ġew iffissati bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 745/2009 ⁽³⁾.

- (2) Ġaladarba l-medja kkalkulata tad-dazji ta' l-importazzjoni varjat b'EUR 5/t mid-dazju ffixat, jeħtieġ li jsir aġġustament korrispondenti tad-dazji ta' l-importazzjoni ffixati bir-Regolament (KE) Nru 745/2009.

- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 745/2009 għandu jiġi emendat skond dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi I u II għar-Regolament (KE) Nru 745/2009 huma mibdula bit-test li jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mit-18 ta' Awwissu 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Awwissu 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 161, 29.6.1996, p. 125.

⁽³⁾ ĠU L 212, 15.8.2009, p. 5.

ANNEX I

Dazji tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 applikabbli mit-18 ta' Awwissu 2009

Kodiċi NK	Isem tal-merkanziji	Dazju tal-importazzjoni ⁽¹⁾ (EUR/t)
1001 10 00	QAMĦ iebes ta' kwalità għolja	0,00
	ta' kwalità medja	0,00
	ta' kwalità baxxa	12,83
1001 90 91	QAMĦ għaż-żriġh	0,00
ex 1001 90 99	QAMĦ komuni ta' kwalità għolja, minbarra dak li hu taż-żriġh	0,00
1002 00 00	SEGALA	78,15
1005 10 90	QAMĦIRRUM għaż-żriġh minbarra dak ibridu	32,13
1005 90 00	QAMĦIRRUM minbarra dak taż-żriġh ⁽²⁾	32,13
1007 00 90	SORGU f'żerriegħa minbarra dik ibrida taż-żriġh	83,14

⁽¹⁾ Għall-prodotti li jaslul fil-Komunità mill-Oċean Atlantiku jew mill-Kanal ta' Suez (l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96) l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis ta' dazju ta':

- EUR 3 kull tunnellata, jekk il-port fejn jsir il-ħatt jinsab fil-baħar Mediterran, jew ta'
- EUR 2 kull tunnellata, jekk il-port fejn isir il-ħatt jinsab fl-Irlanda, fir-Renju Unit, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja jew fuq il-kosta Atlantika tal-Peniżola Iberika.

⁽²⁾ L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 huma sodisfatti.

ANNEX II

Fatturi għall-kalkolu tad-dazji fl-Anness I

14.8.2009

(1) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

(EUR/t)

	Qamħ ⁽¹⁾	Qamħirrum	Qamħ iebes kwalità għolja	Qamħ iebes, kwalità medja ⁽²⁾	Qamħ iebes kwalità baxxa ⁽³⁾	Xgħir
Borża	Minnéapolis	Chicago	—	—	—	—
Kwotazzjoni	164,94	92,62	—	—	—	—
Prezz FOB USA	—	—	156,53	146,53	126,53	61,21
Tariffa fuq il-Golf	—	17,50	—	—	—	—
Tariffa fuq l-Għadajjar il-Kbar	6,28	—	—	—	—	—

⁽¹⁾ Tariffa pożittiva ta' EUR 14/t inkorporata [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].⁽²⁾ Tariffa negattiva ta' EUR 10/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].⁽³⁾ Tariffa negattiva ta' EUR 30/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

(2) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

Merkanzija/Spejjeż Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam 18,19 EUR/t

Merkanzija/Spejjeż L-Għadajjar il-Kbar–Rotterdam: 17,66 EUR/t

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 752/2009**tas-17 ta' Awwissu 2009****li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Batata doce de Aljezur (IĠP))**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 u b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament imsemmi, l-applikazzjoni mressqa mill-Portugall għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Batata doce de Aljezur" kienet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾.

- (2) Ġaladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tkun irreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan hija irreġistrata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Awwissu 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membre tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

⁽²⁾ ĠU C 324, 19.12.2008, p. 31.

ANNEX

Prodotti agricoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I għat-Trattat tal-KE:

Klassi 1.6. Frott, ħxejjex u ċereali pproċessati jew mhumiex

IL-PORTUGALL

Batata doce de Aljezur (IĠP)

DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2009/108/KE

tas-17 ta' Awwissu 2009

li temenda, bl-iskop li din tiġi adattata għal progress tekniku, id-Direttiva 97/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti komponenti u karatteristiċi ta' vetturi ta' żewġ jew tliet roti b'mutur

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Adattament għall-Progress Tekniku,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Marzu 2002 li għandha x'taqsam mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi b'żewġ roti jew bi tlieta bil-mutur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tagħha,

Artikolu 1

Id-Direttiva 97/24/KE hija emendata kif ġej:

Billi:

(1) L-Anness II tal-Kapitolu 5 tad-Direttiva 97/24/KE huwa emendat skont l-Anness I ta' din id-Direttiva;

(1) Id-Direttiva 97/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar ċerti komponenti u karatteristiċi ta' vetturi ta' żewġ jew tliet roti b'mutur⁽²⁾ hija waħda mid-Direttivi separati għall-iskopijiet tal-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE tal-vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta, kif stipulata mid-Direttiva 2002/24/KE.

(2) L-Anness III tal-Kapitolu 9 tad-Direttiva 97/24/KE huwa emendat skont l-Anness II ta' din id-Direttiva;

(2) Sabiex tiġi kkunsidrata l-imġiba speċifika tal-vetturi ibridi, għandha tiġi adattata l-proċedura tat-test tal-approvazzjoni tat-tip użata biex jitkejlu l-gassijiet li jniġġsu li joħorġu minn vetturi b'żewġ roti jew bi tlieta. Għal dan il-għan, huwa xieraq li tiġi adottata proċedura simili għal dik użata fir-Regolament UNECE Nru 83 dwar l-Emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu skont ir-reqwiziti tal-fjuwil tal-magni.

(3) L-Anness IV tal-Kapitolu 9 tad-Direttiva 97/24/KE huwa emendat skont l-Anness III ta' din id-Direttiva.

(3) Sabiex jiġi żgurat li l-vetturi ibridi jikkonformaw mal-limiti tal-istorbju stabbiliti fid-Direttiva 97/24/KE fil-modi kollha ta' kif jaħdmu huwa neċessarju wkoll li tiġi adattata l-proċedura tat-test tal-approvazzjoni tat-tip li tintuża għall-kejl tal-istorbju kif stipulat fid-Direttiva 97/24/KE.

Artikolu 2

1. B'effett mill-1 ta' Mejju 2010, l-Istati Membri ma jistgħux, għal raġunijiet relatati ma' miżuri meħuda kontra t-tniġġis tal-arja jew l-emissjonijiet tal-istorbju, jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KE jew jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi b'żewġ roti jew bi tlieta li jkunu konformi mad-Direttiva 97/24/KE kif emendata minn din id-Direttiva.

2. B'effett mill-1 ta' Mejju 2010, l-Istati Membri għandhom jirrifjutaw, għal raġunijiet relatati ma' miżuri meħuda kontra t-tniġġis tal-arja jew l-emissjonijiet tal-istorbju, li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KE lil kwalunkwe tip ġdid ta' vettura bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta li ma tkunx konformi mad-Direttiva 97/24/KE kif emendata minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

(4) Id-Direttiva 97/24/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2010. Dawn għandhom jikkonunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 124, 9.5.2002, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 226, 18.8.1997, p. 1.

Meta l-Istati Membri jadottaw daww id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, is-17 ta' Awwissu 2009.

Għall-Kummissjoni

Günter VERHEUGEN

Vċi President

ANNEX I

EMENDA GĦALL-ANNEX II TAL-KAPITOLU 5 TAD-DIRETTIVA 97/24/KE

L-Anness II tal-Kapitolu 5 tad-Direttiva 97/24/KE huwa emendat kif ġej:

(1) Il-punt 1.10 li ġej huwa miżjud:

“1.10. Vettura elettrika ibrida (HEV) tfisser mutur b'żewġ roti, mutur bi tliet roti jew mutur b'erba' roti li, għall-fini ta' propulsjoni mekkanika, tiegħu l-enerġija miż-żewġ sorsi ta' enerġija maħżuna fuq il-vettura li ġejjin:

(a) fjuwil konsumabbli;

(b) apparat ta' ħażna tal-enerġija elettrika.”

(2) Il-punt 2.2.1.3 li ġej huwa mdaħħal:

“2.2.1.3. Fil-każ ta' vettura elettrika Ibrida japplika l-Appendiċi 3”.

(3) L-Appendiċi 3 li ġej huwa miżjud:

“Appendiċi 3

Proċedura ta' test għall-emissjonijiet għal muturi b'żewġ roti, muturi bi tliet roti u muturi b'erba' roti elettriċi ibridi

1. AMBITU

Dan l-anness jistabbilixxi r-rekwiżiti speċifiċi fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi elettriċi ibridi.

2. KATEGORIJI TA' VETTURI ELETTRIĊI IBRIDI

Iċċarġjar tal-vettura	Iċċarġjar Mhux fuq il-Vettura ⁽¹⁾ (OVC)		Iċċarġjar fuq il-Vettura ⁽²⁾ (NOVC)	
	Mingħajr	Bi	Mingħajr	Bi
Swiċċ operattiv tal-modalitajiet				

⁽¹⁾ magħrufa wkoll bħala “li jistgħu jiġu ċċarġjati esternament”
⁽²⁾ magħrufa wkoll bħala “li ma jistgħux jiġu ċċarġjati esternament”

3. METODI TA' TTESTJAR TAT-TIP I

Għat-test tat-tip I, il-muturi b'żewġ roti jew il-muturi bi tliet roti b'magna elettrika ibrida għandhom jiġu ttestjati skont il-proċedura tat-test applikabbli (l-Appendiċi 1 jew l-Appendiċi 1a) kif preskritta fil-punt 2.2.1.1.5 tal-Anness II. Għal kull kundizzjoni tat-test, ir-riżultat tat-test tal-emissjonijiet għandu jkun konformi mal-limiti speċifikati fil-punt 2.2.1.1.5 tal-Anness II.

3.1. **Vetturi li jistgħu jiġu ċċarġjati esternament (OVC HEV) mingħajr swiċċ operattiv tal-modalitajiet**

3.1.1. Għandhom jitwettqu żewġ testijiet taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

Il-Kundizzjoni A: it-test għandu jitwettaq b'apparat ta' ħżin tal-enerġija elettrika li jkun iċċarġjat kompletament.

Il-Kundizzjoni B: it-test għandu jitwettaq b'apparat ta' ħżin tal-enerġija elettrika fi stat ta' ċċarġjar minimu (id-disċarġ massimu tal-kapaċità).

Il-profil tal-istat tal-iċċarġjar (SOC) tal-apparat tal-ħżin tal-enerġija elettrika matul stadji differenti tat-test tat-Tip I huwa mogħti fis-Subappendiċi 3.

3.1.2. Il-Kundizzjoni A

3.1.2.1. Il-proċedura għandha tibda bid-disċarġ tal-apparat tal-ħżin tal-enerġija waqt li l-vettura tkun miexja:

(a) b'veloċità stabbli ta' 50 km/h sakemm tistartja l-magna li tikkonsma l-fjuwil tal-HEV; jew

(b) jekk vettura ma tistax tilħaq veloċità stabbli ta' 50 km/h mingħajr ma tistartja l-magna li tikkonsma l-fjuwil, il-veloċità għandha titnaqqas sakemm il-vettura tkun tista' tilħaq veloċità stabbli aktar baxxa fejn il-magna li tikkonsma l-fjuwil ma tistartjax għal ħin definit/distanza definita (li għandhom jiġu speċifikati bejn is-servizz tekniku u l-manifattur); jew

(ċ) b'rakkomandazzjoni mill-manifattur.

Il-magna li tikkonsma l-fjuwil għandha titwaqqaf fi ħdan 10 sekondi minn meta tiġi startjata b'mod awtomatiku.

3.1.2.2. Il-kundizzjonament tal-vettura

3.1.2.2.1. Qabel l-ittestjar, il-vettura għandha tinżamm f'kamra fejn it-temperatura tibqa' relattivament kostanti bejn il-293 u t-303 K (20 °C u 30 °C). Dan il-kundizzjonament għandu jitwettaq għal mill-inqas sitt sghat u jkompli sakemm it-temperatura taż-żejt tal-magna u l-likwidu ta' tkessiħ, jekk ikun hemm, ikunu fi ħdan ± 2 K tat-temperatura tal-kamra, u l-apparat għall-ħażna tal-enerġija elettrika jiġi ċċarġjat għal kollox bħala riżultat tal-iċċarġjar li ssir referenza għalih fil-punt 3.1.2.2.2.

3.1.2.2.2. Waqt it-tixriba, l-apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika għandu jiġi ċċarġjat, billi tintuża l-proċedura għall-iċċarġjar normali mal-lejl kif ġiet deskritta fil-punt 4.1.2 tas-Subappendiċi 2.

3.1.2.3. Il-proċedura tat-test

3.1.2.3.1. Il-vettura għandha tiġi startjata bil-mezzi pprovduti għal użu normali lis-sewwieq. L-ewwel ċiklu jibda mal-bidu tal-proċedura tal-istartjar tal-vettura.

3.1.2.3.2. Jistgħu jintużaw il-proċeduri tat-test definiti fil-punt 3.1.2.3.2.1 jew inkella fil-punt 3.1.2.3.2.2.

3.1.2.3.2.1. It-teħid tal-kampjuni għandu jibda (BS) qabel jew fil-bidu tal-proċedura tal-istartjar tal-vettura u għandu jintemm kif definit fil-proċedura tat-test applikabbli (l-Appendiċi 1 jew l-Appendiċi 1a) (tmim it-teħid tal-kampjuni (ES)).

3.1.2.3.2.2. It-teħid tal-kampjuni għandu jibda (BS) qabel jew fil-bidu tal-proċedura tal-istartjar tal-vettura u għandu jkompli fuq numru ta' ċikli tat-test ripetuti. Huwa għandu jintemm mal-konklużjoni tal-perjodu finali tal-idling fejn l-apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika jkun laħaq l-istat ta' ċċarġjar minimu skont il-kriterju definit hawn taħt (tmim it-teħid tal-kampjuni (ES)).

Il-bilanċ tal-elettriku Q [Ah], imkejjel permezz tal-proċedura li ġiet speċifikata fis-Subappendiċi 1, jintuża biex jiddetermina meta jkun intlaħaq l-istat ta' ċċarġjar minimu tal-apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika.

L-istat ta' ċċarġjar minimu tal-ħażna tal-enerġija jitqies li ntlaħaq fiċ-ċiklu tat-test N jekk il-bilanċ tal-elettriku matul iċ-ċiklu tat-test N + 1 ma jkollux diċarġ ta' aktar minn 3 %, espress bħala perċentwal tal-kapaċità nominali tal-ħażna tal-enerġija (f'Ah) fl-istat ta' ċċarġjar massimu tagħha.

Fuq talba tal-manifattur, jistgħu jitwettqu ċikli tat-test addizzjonali u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu inklużi fil-kalkoli deskritti fil-punti 3.1.2.3.5 u 3.1.2.3.6 dment li l-bilanċ tal-elettriku għal kull ċiklu ta' test addizzjonali juri inqas diċarġ tal-apparat tal-ħażna tal-enerġija milli kien hemm matul iċ-ċiklu preċedenti.

Bejn kull wieħed miċ-ċikli huwa permess li jkun hemm perjodu ta' tixriba sħuna li jista' jdum sa 10 minuti.

3.1.2.3.3. Il-vettura għandha tinstaq skont il-proċedura tat-test applikabbli (l-Appendiċi 1 jew l-Appendiċi 1a).

3.1.2.3.4. Il-gassijiet tal-egżost għandhom jiġu analizzati skont il-proċedura tat-test applikabbli (l-Appendiċi 1 jew l-Appendiċi 1a).

3.1.2.3.5. Ir-riżultati fuq iċ-ċiklu għall-Kundizzjoni A għandhom jiġu rreġistrati fl-m1. Fil-każ ta' ttestjar skont il-punt 3.1.2.3.2.1, m1 huwa sempliċement ir-riżultati fi grammi taċ-ċiklu waħdieni. Fil-każ ta' ttestjar skont il-punt 3.1.2.3.2.2, m1 huwa s-somma fi grammi tar-riżultati taċ-ċikli N.

$$m1 = \sum_{i=1}^N m_i$$

3.1.2.3.6. L-emissjoni tal-massa medja fi g/km ta' kull sustanza li tniġġes għall-Kundizzjoni A għandha tiġi kkalkulata (M1),

$$M1 = m1/D_{test1}$$

bid-D_{test1}, id-distanzi misjuqa attwali totali fit-test huma mwettqa taħt il-Kundizzjoni A.

3.1.3. Il-Kundizzjoni B

3.1.3.1. Il-kundizzjonament tal-vettura

- 3.1.3.1.1. L-apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika tal-vettura għandu jiġi ddisċarġjat skont il-punt 3.1.2.1.
- 3.1.3.1.2. Qabel l-ittestjar, il-vettura għandha tinżamm f'kamra fejn it-temperatura tibqa' relattivament kostanti bejn il-293 u t-303 K (20 °C u 30 °C). Dan il-kundizzjonament għandu jitwettaq għal mill-inqas sitt sghat u jkompli sakemm it-temperatura taż-żejt tal-magna u l-likwidu ta' tkessiħ, jekk ikun hemm, ikunu fi ħdan ± 2 K tat-temperatura tal-kamra.
- 3.1.3.2. Il-proċedura tat-test
- 3.1.3.2.1. Il-vettura għandha tiġi startjata bil-mezzi pprovduti għal użu normali lis-sewwieq. L-ewwel ċiklu jibda mal-bidu tal-proċedura tal-istartjar tal-vettura.
- 3.1.3.2.2. It-teħid tal-kampjuni għandu jibda (BS) qabel jew fil-bidu tal-proċedura tal-istartjar tal-vettura u għandu jintemm kif ġie definit fil-proċedura tat-test applikabbli (l-Appendiċi 1 jew l-Appendiċi 1a) (tmim it-teħid tal-kampjuni (ES)).
- 3.1.3.2.3. Il-vettura għandha tinstaq skont il-proċedura tat-test applikabbli (l-Appendiċi 1 jew l-Appendiċi 1a).
- 3.1.3.2.4. Il-gassijiet tal-egżost għandhom jiġu analizzati skont il-proċedura tat-test applikabbli (l-Appendiċi 1 jew l-Appendiċi 1a).
- 3.1.3.2.5. Ir-riżultati fuq iċ-ċiklu kkombinat għall-Kundizzjoni B għandhom jiġu rreġistrati fl-m2.
- 3.1.3.2.6. L-emissjoni medja fi g/km ta' kull sustanza li tniġġes għall-Kundizzjoni B għandha tiġi kkalkulata (M2)

$$M2 = m2/Dtest2$$

bid-Dtest2, id-distanzi misjuqa attwali totali fit-test huma mwettqa taħt il-Kundizzjoni B.

- 3.1.4. Ir-riżultati tat-test
- 3.1.4.1. Fil-każ ta' ttestjar skont il-punt 3.1.2.3.2.1. il-valuri mgħobbija għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

$$M = (De \cdot M1 + Dav \cdot M2)/(De + Dav)$$

Fejn:

- M = l-emissjoni tal-massa tas-sustanza li tniġġes fi grammi għal kull kilometru
- M1 = l-emissjoni tal-massa medja tas-sustanza li tniġġes fi grammi għal kull kilometru b'apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika li jkun iċċarġjat għal kollox
- M2 = l-emissjoni tal-massa medja tas-sustanza li tniġġes fi grammi għal kull kilometru b'apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika fi stat minimu ta' ċarġ (id-disċarġ massimu tal-kapaċità)
- De = il-medda elettrika tal-vettura skont il-proċedura deskritta fis-Subappendiċi 2
- Dav = id-distanza medja preżunta tal-vettura li tintuża fil-Kundizzjoni B fil-perjodu ta' żmien bejn żewġ ċarġijiet mill-ġdid tal-apparat tal-ħażna tal-enerġija:
- 4 km għal muturi b'żewġ roti tal-Kategorija 1 (Kapaċità tal-magna < 150cc),
 - 6 km għal muturi b'żewġ roti tal-Kategorija 2 (Kapaċità tal-magna (150cc, Vmax < 130 km/h),
 - 10 km għal muturi b'żewġ roti tal-Kategorija 3 (Kapaċità tal-magna (150cc, Vmax > 130 km/h).

- 3.1.4.2. Fil-każ ta' ttestjar skont il-punt 3.1.2.3.2.2. il-valuri mgħobbija għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

$$M = (Dovc \cdot M1 + Dav \cdot M2)/(Dovc + Dav)$$

Fejn:

- M = l-emissjoni tal-massa ta' sustanza li tniġġes fi grammi għal kull kilometru

- M1 = l-emissjoni tal-massa medja tas-sustanza li tniġġes fi grammi għal kull kilometru b'apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika li jkun iċċarġjat għal kollox
- M2 = l-emissjoni tal-massa medja tas-sustanza li tniġġes fi grammi għal kull kilometru b'apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika fi stat minimu ta' ċarġ (id-disċarġ massimu tal-kapaċità)
- Dovc = il-medda OVC tal-vettura skont il-proċedura deskritta fis-Subappendiċi 2
- Dav = id-distanza medja preżunta tal-vettura li tintuża fil-Kundizzjoni B fil-perjodu ta' żmien bejn żewġ ċarġijiet mill-ġdid tal-apparat tal-ħażna tal-enerġija:
- 4 km għal muturi b'żewġ roti tal-Kategorija 1 (Kapaċità tal-magna < 150 cc),
 - 6 km għal muturi b'żewġ roti tal-Kategorija 2 (Kapaċità tal-magna ≥ 150 cc, Vmax < 130 km/h),
 - 10 km għal muturi b'żewġ roti tal-Kategorija 3 (Kapaċità tal-magna ≥ 150 cc, Vmax > 130 km/h).

3.2. Vetturi li jistgħu jiġu ċċarġjati esternament (OVC) bi swiċċ operattiv tal-modalitajiet

3.2.1. Għandhom jitwettqu żewġ testijiet taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

3.2.1.1. Il-Kundizzjoni A: it-test għandu jitwettaq b'apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika li jkun iċċarġjat għal kollox.

3.2.1.2. Il-Kundizzjoni B: it-test għandu jitwettaq b'apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika fi stat minimu ta' ċarġ (id-disċarġ massimu tal-kapaċità).

3.2.1.3. Is-swiċċ operattiv tal-modalitajiet għandu jiġi pożizzjonat skont it-tabella li ġejja:

Modalitajiet operattivi disponibbli	— Purament elettrika — Ibrida ⁽¹⁾	— Purament għall-konsum tal-fjuwil — Ibrida ⁽¹⁾	— Purament elettrika — Purament għall-konsum tal-fjuwil — Ibrida ⁽¹⁾	— Modalità Ibrida n ... — Modalità Ibrida m
Il-pożizzjoni tas-swiċċ operattiv tal-modalitajiet fil-Kundizzjoni A (stat massimu ta' ċarġ)	Ibrida ⁽¹⁾	Ibrida ⁽¹⁾	Ibrida ⁽¹⁾	Il-modalità l-aktar elettrika ibrida ⁽²⁾
Il-pożizzjoni tas-swiċċ operattiv tal-modalitajiet fil-Kundizzjoni B (stat minimu ta' ċarġ)	Ibrida ⁽¹⁾	Tikkonsma l-fjuwil	Tikkonsma l-fjuwil	L-aktar modalità ibrida li tikkonsma fjuwil ⁽³⁾

⁽¹⁾ Fkaż li jkun hemm aktar minn "modalità ibrida" waħda disponibbli, għandha tintuża l-proċedura tal-aħħar kolonna fuq il-lemin

⁽²⁾ Il-modalità l-aktar elettrika ibrida:

Il-modalità ibrida li jista' jkun ippruvat li għandha l-ogħla konsum ta' elettriku mill-modalitajiet ibridi kollha li jistgħu jintgħażlu meta jiġu ttestjati skont il-Kundizzjoni A, li għandha tiġi stabbilita fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-manifattur u bi qbil mas-servizz tekniku.

⁽³⁾ L-aktar modalità ibrida li tikkonsma fjuwil:

Il-modalità ibrida li jista' jiġi ppruvat li għandha l-akbar konsum tal-fjuwil mill-modalitajiet ibridi kollha li jistgħu jintgħażlu meta jiġu ttestjati skont il-Kundizzjoni B, li għandha tiġi stabbilita fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-manifattur u bi qbil mas-servizz tekniku.

3.2.2. Il-Kundizzjoni A

3.2.2.1. Jekk il-medda purament elettrika tal-vettura hija ogħla minn ċiklu wieħed komplut, fuq talba tal-manifattur, it-test tat-Tip I jista' jitwettaq f-modalità purament elettrika, wara li jkun intlaħaq qbil mas-servizz tekniku. F'dan il-każ, il-valur ta' m1 fil-punt 3.2.2.4.5 huwa daqs 0.

3.2.2.2. Il-proċedura għandha tibda bid-disċarġ tal-apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika tal-vettura.

3.2.2.2.1. Jekk il-vettura tkun mġhamra b-modalità purament elettrika, id-disċarġ tal-apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika għandu jinkiseb billi l-vettura tinstaq bis-swiċċ f-pożizzjoni purament elettrika (fuq il-korsa tat-test, fuq dinamometru tax-xażi, eċċ.) b'veloċità stabbli li tikkorrespondi għal 70 % ± 5 % tal-veloċità massima indikata mill-manifattur. It-twaqqif tad-disċarġ iseħħ f'waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

- (a) meta l-vettura ma tkunx tista' tinstaq b'65 % tal-veloċità massima;
 - (b) meta s-sewwieq tingħatalu indikazzjoni bl-istrumentazzjoni standard ta' abbord biex iwaqqaf il-vettura;
 - (c) wara li tkun koperta distanza ta' 100 kilometru.
- 3.2.2.2.2. Jekk il-vettura ma tkunx mgħammra b'modalità purament elettrika, id-disċarġ tal-apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika għandu jinkiseb billi l-vettura tinstaq:
- (a) b'veloċità stabbli ta' 50 km/h jew bil-veloċità massima għall-vetturi f'modalità purament elettrika tal-vettura sakemm tistartja l-magna tal-HEV li tikkonsma l-fjuwil; jew
 - (b) jekk vettura ma tistax tilħaq veloċità stabbli ta' 50 km/h mingħajr ma tiġi startjata l-magna li tikkonsma l-fjuwil, il-veloċità għandha titnaqqas sakemm il-vettura tkun tista' taħdem b'veloċità stabbli aktar baxxa fejn il-magna li tikkonsma l-fjuwil ma tistartjax għal ħin definit/distanza definita (li għandhom jiġu speċifikati bi qbil bejn is-servizz tekniku u l-manifattur); jew
 - (c) b'rakkomandazzjoni tal-manifattur.

Il-magna li tikkonsma l-fjuwil għandha titwaqqaf fi żmien 10 sekondi minn meta tiġi startjata b'mod awtomatiku.

- 3.2.2.3. Il-kundizzjonament tal-vettura
- 3.2.2.3.1. Qabel l-ittestjar, il-vettura għandha tinżamm f'kamra fejn it-temperatura tibqa' relattivament kostanti bejn il-293 u t-303 K (20 °C u 30 °C). Dan il-kundizzjonament għandu jitwettaq għal mill-inqas sitt sighet u jkompli sakemm it-temperatura taż-żejt tal-magna u l-likwidu ta' tkessiħ, jekk ikun hemm, ikunu fi hdn ± 2 K tat-temperatura tal-kamra, u l-apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika jkun iċċarġjat għal kollox bħala riżultat tal-iċċarġjar preskritt fil-punt 3.2.2.3.2.
- 3.2.2.3.2. Waqt it-tixriba, l-apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika għandu jiġi ċċarġjat, billi tintuża l-proċedura għall-iċċarġjar normali mal-lejl kif ġiet iddefinita fil-punt 4.1.2 tas-Subappendiċi 2.
- 3.2.2.4. Il-proċedura tat-test
- 3.2.2.4.1. Il-vettura għandha tiġi startjata bil-mezzi pprovduti għal użu normali lis-sewwieq. L-ewwel ċiklu jibda mal-bidu tal-proċedura tal-istartjar tal-vettura.
- 3.2.2.4.2. Jistgħu jintużaw il-proċeduri tat-test definiti fil-punt 3.2.2.4.2.1 jew inkella fil-punt 3.2.2.4.2.2.
- 3.2.2.4.2.1. It-teħid tal-kampjuni għandu jibda (BS) qabel jew fil-bidu tal-proċedura tal-istartjar tal-vettura u jintemm kif definit fil-proċedura tat-test applikabbli (l-Appendiċi 1 jew l-Appendiċi 1a (tmiem it-teħid tal-kampjuni (ES))).
- 3.2.2.4.2.2. It-teħid tal-kampjuni għandu jibda (BS) qabel jew fil-bidu tal-proċedura tal-istartjar tal-vettura u jkompli fuq numru ta' ċikli tat-test ripetuti. Dan għandu jintemm mal-konklużjoni tal-perjodu finali tal-idling fejn l-apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika jkun laħaq l-istat ta' ċċarġjar minimu skont il-kriterju definit hawn taħt (tmiem it-teħid tal-kampjuni (ES)).

Il-bilanċ tal-elettriku Q [Ah], imkejjejl permezz tal-proċedura li ġiet speċifikata fis-Subappendiċi 1 għal dan l-appendiċi, jintuża biex jiddetermina meta jkun intlaħaq l-istat ta' ċċarġjar minimu tal-apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika.

L-istat ta' ċċarġjar minimu tal-apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika jitqies li ntlaħaq fiċ-ċiklu tat-test N jekk il-bilanċ tal-elettriku matul iċ-ċiklu tat-test N + 1 ma jkollux disċarġ ta' aktar minn 3 %, espress bħala perċentwal tal-kapaċità nominali tal-apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika (f'Ah) fl-istat ta' ċċarġjar massimu tagħha.

Fuq talba tal-manifattur, jistgħu jitwettqu ċikli tat-test addizzjonali u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu inklużi fil-kalkoli stabbiliti skont il-punti 3.2.2.4.5 u 3.2.2.4.6 dment li l-bilanċ tal-elettriku għal kull ċiklu ta' test addizzjonali juri inqas disċarġ tal-apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika milli kien hemm matul iċ-ċiklu preċedenti.

Bejn kull wieħed miċ-ċikli huwa permess li jkun hemm perjodu ta' tixriba sħuna li jista' jdm sa 10 minuti.

- 3.2.2.4.3. Il-vettura għandha tinstaq skont il-proċedura tat-test applikabbli (l-Appendiċi 1 jew l-Appendiċi 1a).
- 3.2.2.4.4. Il-gassijiet tal-egżost għandhom jiġu analizzati skont il-proċedura tat-test applikabbli (l-Appendiċi 1 jew l-Appendiċi 1a).
- 3.2.2.4.5. Ir-riżultati fuq iċ-ċiklu kkombinat għall-Kundizzjoni A għandhom jiġu rreġistrati fl-m1. Fil-każ ta' ttestjar skont il-punt 3.2.2.4.2.1, m1 huwa sempliċement ir-riżultati fi grammi taċ-ċiklu waħdieni. Fil-każ ta' ttestjar skont il-punt 3.2.2.4.2.2, m1 hija s-somma fi grammi tar-riżultati taċ-ċikli N.

$$m1 = \sum_1^N m_i$$

- 3.2.2.4.6. L-emissjoni tal-massa medja fi g/km ta' kull sustanza li tniġġes għall-Kundizzjoni A għandha tiġi kkalkulata (M1),

$$M1 = m1/D_{test1}$$

bid-D_{test1}, id-distanzi misjuqa attwali totali fit-test huma mwettqa taħt il-Kundizzjoni A.

- 3.2.3. Il-Kundizzjoni B
- 3.2.3.1. F'każ li l-vettura jkollha l-possibilità li taħdem fuq modalitajiet ibridi differenti (Pereżempju: sport, ekonomika, urbana, extra-urbana, eċċ.), is-swiċċ għandu jiġi ssettjat b'tali mod li l-vettura tibda taħdem fuq modalità ibrida li tikkonsma l-aktar fjuwil (ara l-punt 3.2.1.3 ta' fuq, in-nota 3).
- 3.2.3.2. Il-kundizzjonament tal-vettura
- 3.2.3.2.1. L-apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika tal-vettura għandu jiġi ddisċarġjat skont il-punt 3.2.2.2.
- 3.2.3.2.2. Qabel l-ittestjar, il-vettura għandha tinżamm f'kamra fejn it-temperatura tibqa' relattivament kostanti bejn il-293 u t-303 K (20 °C u 30 °C). Dan il-kundizzjonament għandu jitwettaq għal mill-inqas sitt sigħat u jkompli sakemm it-temperatura taż-żejt tal-magna u l-likwidu ta' tkessiħ, jekk ikun hemm, ikunu fi ħdan ± 2 K tat-temperatura tal-kamra.
- 3.2.3.3. Il-proċedura tat-test
- 3.2.3.3.1. Il-vettura għandha tiġi startjata bil-mezzi pprovduti għal użu normali lis-sewwieq. L-ewwel ċiklu jibda mal-bidu tal-proċedura tal-istartjar tal-vettura.
- 3.2.3.3.2. It-teħid tal-kampjuni għandu jibda (BS) qabel jew fil-bidu tal-proċedura tal-istartjar tal-vettura u jintemm kif definit fil-proċedura tat-test applikabbli (l-Appendiċi 1 jew l-Appendiċi 1a) (tmiem it-teħid tal-kampjuni (ES)).
- 3.2.3.3.3. Il-vettura għandha tinstaq skont il-proċedura tat-test applikabbli (l-Appendiċi 1 jew l-Appendiċi 1a).
- 3.2.3.3.4. Il-gassijiet tal-egżost għandhom jiġu analizzati skont il-proċedura tat-test applikabbli (l-Appendiċi 1 jew l-Appendiċi 1a).
- 3.2.3.3.5. Ir-riżultati fuq iċ-ċiklu kkombinat għall-Kundizzjoni B għandhom jiġu rreġistrati fl-m2.
- 3.2.3.3.6. L-emissjoni medja fi g/km ta' kull sustanza li tniġġes għall-Kundizzjoni B għandha tiġi kkalkulata (M2)

$$M2 = m2/D_{test2}$$

bid-D_{test2}, id-distanzi misjuqa attwali totali fit-test huma mwettqa taħt il-Kundizzjoni B.

- 3.2.4. Ir-riżultati tat-test
- 3.2.4.1. Fil-każ ta' ttestjar skont il-punt 3.2.2.4.2.1, il-valuri mgħobbija għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

$$M = (D_e \cdot M1 + D_{av} \cdot M2)/(D_e + D_{av})$$

Fejn:

M = l-emissjoni tal-massa tas-sustanza li tniġġes fi grammi għal kull kilometru

M1 = l-emissjoni tal-massa medja tas-sustanza li tniġġes fi grammi għal kull kilometru b'apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika li jkun iċċarġjat għal kollox

M2 = l-emissjoni tal-massa medja tas-sustanza li tniġġes fi grammi għal kull kilometru b'apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika fi stat minimu ta' ċarġ (id-disċarġ massimu tal-kapaċità)

De = il-medda elettrika tal-vettura skont il-proċedura deskritta fis-Subappendiċi 2

Dav = id-distanza medja preżunta tal-vettura li tintuża fil-Kundizzjoni B fil-perjodu ta' żmien bejn żewġ ċarġijiet mill-ġdid tal-apparat tal-ħażna tal-enerġija:

— 4 km għal muturi b'żewġ roti tal-Kategorija 1 (Kapaċità tal-magna < 150 cc),

— 6 km għal muturi b'żewġ roti tal-Kategorija 2 (Kapaċità tal-magna ≥ 150 cc, Vmax < 130 km/h),

— 10 km għal muturi b'żewġ roti tal-Kategorija 3 (Kapaċità tal-magna ≥ 150cc, Vmax > 130 km/h).

3.2.4.2. Fil-każ ta' ttestjar skont il-punt 3.2.2.4.2.2, il-valuri mgħobbija għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

$$M = (Dovc \cdot M1 + Dav \cdot M2) / (Dovc + Dav)$$

Fejn:

M = l-emissjoni tal-massa tas-sustanza li tniġġes fi grammi għal kull kilometru

M1 = l-emissjoni tal-massa medja tas-sustanza li tniġġes fi grammi għal kull kilometru b'apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika li jkun iċċarġjat għal kollox ikkalkulata fil-punt 3.1.2.3.6.

M2 = l-emissjoni tal-massa medja tas-sustanza li tniġġes fi grammi għal kull kilometru b'apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika fi stat minimu ta' ċarġ (id-disċarġ massimu tal-kapaċità) ikkalkulata fil-punt 3.2.3.3.6.

Dovc = il-medda OVC tal-vettura skont il-proċedura deskritta fis-Subappendiċi 2

Dav = id-distanza medja preżunta tal-vettura li tintuża fil-Kundizzjoni B fil-perjodu ta' żmien bejn żewġ ċarġijiet mill-ġdid tal-apparat tal-ħażna tal-enerġija:

— 4 km għal muturi b'żewġ roti tal-Kategorija 1 (Kapaċità tal-magna < 150cc),

— 6 km għal muturi b'żewġ roti tal-Kategorija 2 (Kapaċità tal-magna ≥ 150cc, Vmax < 130 km/h),

— 10 km għal muturi b'żewġ roti tal-Kategorija 3 (Kapaċità tal-magna ≥ 150cc, Vmax > 130 km/h).

3.3. **Vetturi li ma jistgħux jiġu ċċarġjati esternament (NOVC HEV) mingħajr swiċċ operattiv tal-modalitajiet**

3.3.1. Il-vetturi li ma jistgħux jiġu ċċarġjati esternament (NOVC HEV) mingħajr swiċċ operattiv tal-modalitajiet, f-modalità ibrida, għandhom jiġu ttestjati skont l-Anness I tal-Kapitolu 5.

3.3.2. Il-vettura għandha tinstaq skont il-proċedura tat-test applikabbli (l-Appendiċi 1 jew l-Appendiċi 1a).

3.4. **Vetturi li ma jistgħux jiġu ċċarġjati esternament (NOVC HEV) bi swiċċ operattiv tal-modalitajiet**

3.4.1. Il-vetturi li ma jistgħux jiġu ċċarġjati esternament (NOVC HEV) bi swiċċ operattiv tal-modalitajiet, f-modalità ibrida, jiġu ttestjati skont l-Anness I tal-Kapitolu 5. Jekk ikun hemm diversi modalitajiet ibridi disponibbli, it-test għandu jitwettaq fil-modalità li tiġi ssettjata awtomatikament hekk kif tiddawwar iċ-ċavetta tal-ignition (modalità normali). Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-manifattur, is-Servizz Tekniku se jagħmel ċert li l-valuri tal-limitu jintlaħqu fil-modalitajiet ibridi kollha.

3.4.2. Il-vettura għandha tinstaq skont il-proċedura tat-test applikabbli (l-Appendiċi 1 jew l-Appendiċi 1a).

4. METODI TA' TTESTJAR TAT-TIP II

4.1. Il-vetturi għandhom jiġu ttestjati skont il-proċedura tat-test deskritta fl-Appendiċi 2.

Subappendiċi 1

Metodu għall-kejl tal-bilanċ tal-elettriku tal-batterija tal-ovc u l-novc hevs

1. Għan

1.1. L-għan ta' dan is-subappendiċi huwa li jiddeskrivi l-metodu u l-istrumentazzjoni meħtieġa biex jitkejjel il-bilanċ tal-elettriku tal-Vetturi Elettriċi Ibridi bi Ċċarġjar Mhux fuq il-Vettura (OVC HEV) u tal-Vetturi Elettriċi Ibridi bi Ċċarġjar Fuq il-Vettura (NOVC HEV).

2. It-tagħmir u l-istrumentazzjoni tal-kejl
- 2.1. Matul it-testijiet, kif deskritti fil-punti 3.1 sa 3.4, il-kurrent tal-batterija għandu jitkejjel billi jintuża transducer tal-kurrent tat-tip li jikklempja jew tat-tip magħluq. It-transducer tal-kurrent (jiġifieri s-senser tal-kurrent mingħajr it-tagħmir tal-akkwist tad-data) għandu jkollu preċiżjoni minima ta' 0,5 % tal-valur imkejjel jew ta' 0,1 % tal-valur massimu tal-iskala.

It-testers dijanjostiċi OEM m'għandhomx jintużaw għall-fini ta' dan it-test.

- 2.1.1. It-transducer tal-kurrent għandu jitwaħħal fuq wieħed mill-wajers direttament konnessi mal-batterija. Sabiex ikun imkejjel faċilment il-kurrent tal-batterija billi jintuża tagħmir ta' kejl estern, preferibbilment il-manifatturi għandhom jintegraw punti ta' konnessjoni xierqa, sikuri u aċċessibbli fil-vettura. Jekk dak ma jkunx fattibbli, il-manifattur huwa obligat li jappoġġja lis-Servizz Tekniku billi jipprovi l-mezzi biex issir konnessjoni bejn transducer tal-kurrent u l-wajers konnessi mal-batterija bil-mod li ġie deskritt hawn fuq.
- 2.1.2. Għandhom jittieħdu kampjuni tal-output tat-transducer kurrenti bi frekwenza minima tal-kampjuni ta' 5 Hz. Il-kurrent imkejjel għandu jiġi integrat maż-żmien, fejn jagħti l-valur imkejjel ta' Q, espress f'sigħat Ampere (Ah).
- 2.1.3. It-temperatura fil-post fejn jinsab is-senser għandha titkejjel u jittieħdu kampjuni tagħha bl-istess frekwenza tal-kampjuni bħall-kurrent, biex b'hekk dan il-valur ikun jista' jintuża għall-ikkompensar possibbli tal-moviment tat-transducers tal-kurrent u, jekk ikun applikabbli, tat-transducer tal-vultaġġ li ntuża biex jikkonverti l-output tat-transducer tal-kurrent.
- 2.2. Lista tal-istrumentazzjoni (il-manifattur, in-numru tal-mudell, in-numru tas-serje) li ntużat mill-manifattur biex jiddetermina meta ntlaħaq l-istat minimu ta' ċċarġjar tal-batterija matul il-proċedura tat-test definita fil-punti 3.1 u 3.2 u d-dati tal-aħħar kalibrazzjoni tal-istrumenti (fejn ikun applikabbli) għandhom jiġu pprovduti lis-Servizz Tekniku.
3. Il-proċedura tal-kejl
- 3.1. Il-kejl tal-kurrent tal-batterija għandu jibda fl-istess ħin hekk kif jibda t-test u għandu jintemm immedjatament wara li l-vettura tkun saqet iċ-ċiklu tas-sewqan komplut.

Subappendiċi 2

Il-metodu għall-kejl tal-medda elettrika ta' vetturi li jaħdmu b'power train elettrika ibrida u l-medda OVC ta' vetturi li jaħdmu b'powertrain elettrika ibrida

1. IL-KEJL TAL-MEDDA ELETTRIKA
Il-metodu ta' ttestjar deskritt f'dan is-subappendiċi jippermetti l-kejl tal-medda elettrika, espressa f'km, ta' vetturi li jaħdmu b'power train elettrika ibrida bi ċċarġjar mhux fuq il-vettura (OVC-HEV).
2. IL-PARAMETRI, L-UNITAJIET U L-PREĊIŻJONI TAL-QISIEN
Il-parametri, l-unitajiet u l-preċiżjoni tal-qisien għandhom ikunu kif indikat hawn taħt:

Parametru	Unità	Preċiżjoni	Riżoluzzjoni
Ħin	s	+/- 0,1 s	0,1 s
Distanza	m	+/- 0,1 %	1 m
Temperatura	°C	+/- 1 °C	1 °C
Veloċità	km/h	+/- 1 %	0,2 km/h
Massa	kg	+/- 0,5 %	1 kg
Bilanċ tal-elettriku	Ah	+/- 0,5 %	0,3 %

3. IL-KUNDIZZJONJIET TAT-TEST
- 3.1. Il-kundizzjoni tal-vettura

- 3.1.1. It-tajers tal-vettura għandhom jintefħu għall-pressjoni speċifikata mill-manifattur tal-vettura meta t-tajers ikunu f'temperatura ambjentali.
- 3.1.2. Il-viskożità taż-żjut għall-partijiet mekkaniċi li jiċċaqilqu għandha tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur tal-vettura.
- 3.1.3. L-apparat tad-dawl u tas-sinjali bid-dawl u dawk awżiljarji għandhom ikunu mitfija, għajr għal dawk meħtieġa għall-ittejtjar u għat-tħaddim tas-soltu ta' matul il-jum tal-vettura.
- 3.1.4. Is-sistemi kollha tal-ħżin tal-enerġija disponibbli għal finijiet li mhumiex ta' trazzjoni għandhom jiġu ċċarġjati sal-livell massimu tagħhom li ġie speċifikat mill-manifattur.
- 3.1.5. Jekk il-batteriji jitħaddmu f'temperatura 'l fuq minn dik ambjentali, l-operatur għandu jsewgi l-proċedura rakkomandata mill-manifattur tal-vettura sabiex iżomm it-temperatura tal-batterija fil-medda operattiva normali.

L-aġent tal-manifattur għandu jkun f'pożizzjoni li jafferma li s-sistema tal-ġestjoni termali tal-batterija la għandha xi ħsara u lanqas ma hija mnaqqsa.

- 3.1.6. Il-vettura trid tkun għamlet mill-inqas 300 km matul is-sebat ijiem ta' qabel it-test b'dawk il-batteriji li jiġu installati fil-vettura tat-test.
- 3.2. Il-kundizzjonijiet klimatiċi
- Għal ittejtjar li jitwettag barra, it-temperatura ambjentali għandha tkun bejn il-5 °C u t-32 °C. L-ittejtjar fuq ġewwa għandu jitwettag f'temperatura bejn l-20 °C u t-30 °C.

4. IL-MODALITAJIET OPERATTIVI

Il-metodu tat-test jinkludi l-passi li ġejjin:

- (a) Iċ-ċarġ inizjali tal-batterija;
- (b) L-applikazzjoni taċ-ċiklu u l-kejl tal-medda elettrika.

Bejn il-passi, jekk il-vettura tiċċaqilaq, din tiġi imbuttata lejn iż-żona tat-test li ġeja (mingħajr iċċarġjar mill-ġdid riġenerattiv).

4.1. Iċ-ċarġ inizjali tal-batterija

L-iċċarġjar tal-batterija jikkonsisti mill-proċeduri li ġejjin:

Nota: "Iċ-ċarġ inizjali tal-batterija" tapplika għall-ewwel ċarġ tal-batterija, hekk kif tasal il-vettura.

F'każ ta' diversi testijiet jew kejl ikkominati, imwettqa wara xulxin, l-ewwel ċarġ li titwettag għandha tkun "ċarġ inizjali tal-batterija" u dan li ġej jista' jsir skont il-proċedura ta' "ċarġ normali mal-lejl" (deskritta fil-punt 4.1.2.1.).

4.1.1. Id-disċarġ tal-batterija

- 4.1.1.1. Għal vettura elettrika ibrida li tista' tiġi ċċarġjata esternament (OVC HEV) mingħajr swiċċ operattiv tal-modalitajiet, il-manifattur għandu jipprovi l-mezzi biex iwetttag il-kejl bil-vettura tkun qiegħda taħdem fi stat operattiv purament elettriku. Il-proċedura għandha tibda bid-disċarġ tal-apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika waqt is-sewqan:

- (a) b'veloċità stabbli ta' 50 km/h sakemm tistartja l-magna li tikkonsma l-fjuwil tal-HEV;
- (b) jew, jekk vettura ma tkunx tista' tilħaq veloċità stabbli ta' 50 km/h mingħajr ma tistartja l-magna li tikkonsma l-fjuwil, il-veloċità għandha titnaqqas sakemm il-vettura tkun tista' taħdem b'veloċità stabbli aktar baxxa fejn il-magna li tikkonsma l-fjuwil sempliċement ma tistartjax għal ħin definit/distanza definita (li għandhom jiġu speċifikati bejn is-servizz tekniku u l-manifattur);
- (ċ) jew b'rakkomandazzjoni mill-manifattur.

Il-magna li tikkonsma l-fjuwil għandha titwaqqaf fi żmien 10 sekondi minn meta tiġi startjata b'mod awtomatiku.

4.1.1.2. Għal vettura elettrika ibrida li tista' tiġi ċċarġjata esternament (OVC HEV) bi swiċċ operattiv tal-modalitajiet:

4.1.1.2.1. Jekk il-vettura tkun qiegħda taħdem fi stat operattiv purament elettriku, il-proċedura għandha tibda bid-disċarġ tal-apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika tal-vettura waqt is-sewqan bis-swiċċ f'pożizzjoni purament elettrika b'veloċità stabbli ta' 70 % +/- 5 % tal-veloċità massima tal-vettura għal tletin minuta. It-twaqqif tad-disċarġ iseħħ fi kwalunkwe waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet:

- (a) meta l-vettura ma tkunx tista' tinstaq b'65 % tal-veloċità massima għal tletin minuta; jew
- (b) meta s-sewwieq tingħatalu indikazzjoni bl-istrumentazzjoni standard ta' abbord biex iwaqqaf il-vettura; jew
- (ċ) wara li tkun koperta d-distanza ta' 100 km.

4.1.1.2.2. Jekk il-vettura ma tkunx qiegħda taħdem fi stat operattiv purament elettriku, il-manifattur għandu jipprovi l-mezzi għat-tweqqif tal-kejl bil-vettura tkun qiegħda taħdem fi stat operattiv purament elettriku. Id-disċarġ tal-apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika għandu jinkiseb billi l-vettura tinstaq:

- (a) b'veloċità stabbli ta' 50 km/h sakemm tistartja l-magna li tikkonsma l-fjuwil tal-HEV; jew
- (b) jekk vettura ma tkunx tista' tilħaq veloċità stabbli ta' 50 km/h mingħajr ma tistartja l-magna li tikkonsma l-fjuwil, il-veloċità għandha titnaqqas sakemm il-vettura tkun tista' taħdem b'veloċità stabbli aktar baxxa fejn il-magna li tikkonsma l-fjuwil sempliċement ma tistartjax għal ħin definit/distanza definita (li għandhom jiġu speċifikati bejn is-servizz tekniku u l-manifattur); jew
- (ċ) b'rakkomandazzjoni mill-manifattur.

Il-magna li tikkonsma l-fjuwil għandha titwaqqaf fi żmien 10 sekondi minn meta tiġi startjata b'mod awtomatiku.

4.1.2. L-applikazzjoni ta' ċarġ normali mal-lejl

Għal OVC HEV, l-apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika għandu jkun iċċarġjat skont il-proċedura li ġejja.

4.1.2.1. Il-proċedura ta' ċarġ normali mal-lejl

L-iċċarġjar jitwettaq:

- (a) biċ-ċarġer ta' abbord jekk ikun imwaħħal; jew
- (b) b'ċarġer estern irrakkomandat mill-manifattur billi tintuża x-xejra tal-iċċarġjar preskritta għal iċċarġjar normali;
- (ċ) f'temperatura ambjentali inkluża bejn 1-20 °C u t-30 °C.

Din il-proċedura teskludi t-tipi kollha ta' ċarġijiet speċjali li jistgħu jinbdew b'mod awtomatiku jew manwali bħal, pereżempju, iċ-ċarġijiet ta' ekwalizzazzjoni jew iċ-ċarġijiet fl-ġhoti ta' servis. Il-manifattur għandu jiddikjara li matul it-test, ma kienx hemm proċedura ta' ċarġ speċjali.

4.1.2.2. Il-kriterji ta' tmiem iċ-ċarġ

Il-kriterji ta' tmiem iċ-ċarġ jikkorrespondu għal ħin ta' ċċarġjar ta' 12-il siegħa, ħlief jekk tingħata indikazzjoni ċara lis-sewwieq permezz tal-istrumentazzjoni standard li l-apparat ta' ħażna tal-enerġija elettrika jkun għadu mhux iċċarġjat għal kollox.

F'dan il-każ, il-ħin massimu huwa = 3 kapacià tal-batterija ddikjarata (Wh)/il-provvista ta' enerġija mill-mejn (W).

4.2. L-applikazzjoni taċ-ċiklu u l-kejl tal-medda

4.2.1. Sabiex tiddetermina l-medda elettrika ta' vettura elettrika ibrida:


4.2.1.1. Is-sekwenza applikabbli tat-test kif definita fil-punt 2 tal-Anness II tal-Kapitolu 5, u l-preskrizzjoni tal-bidla fil-gerijiet li takkumpanjaha jiġu applikati fuq dinamometru tax-xażi aġġustat kif deskritt fl-Appendiċi 1 tal-Anness II għall-Kapitolu 5, sakemm jintlaħqu l-kriterji ta' tmiem it-test.

- 4.2.1.2. B'veloċità ta' 50 km/h jew bil-veloċità massima f'modalità purament elettrika, kif iddikjarata mill-manifattur, meta l-vettura ma tilħaqx l-aċċellerazzjoni jew il-veloċità meħtieġa taċ-ċiklu tat-test, il-pedala tal-aċċeleratur għandha tibqa' miżmuma fil-pożizzjoni WOT sakemm terġa' tintlaħaq il-kurva ta' referenza.
- 4.2.1.3. Sabiex titkejjel il-medda elettrika tas-sewqan, il-kriterji ta' tmiem it-test jintlaħqu meta l-vettura ma tkunx tista' tilħaq il-kurva fil-mira, sa 50 km/h, jew il-veloċità massima f'modalità purament elettrika, kif iddikjarata mill-manifattur, jew meta s-sewwieq tingħatalu indikazzjoni bl-istrumentazzjoni standard ta' abbord biex iwaqqaf il-vettura jew meta s-sistema tal-ħażna tal-enerġija tkun laħqet l-istat ta' ċarġ minimu tagħha. Imbagħad, il-veloċità tal-vettura għandha titnaqqas għal 5 km/h billi s-sewwieq jitlaq il-pedala tal-aċċeleratur, mingħajr ma jmiss il-pedala tal-brejk u mbagħad titwaqqaf għal kollox billi jagħfas il-brejk.
- 4.2.1.4. Sabiex jiġu rispettati l-ħtiġijiet umani, huma permessi sa tliet interruzzjonijiet bejn is-sekwenzi tat-test, ta' mhux aktar minn 15-il minuta b'kollox.
- 4.2.1.5. Fl-aħħar, il-qies De tad-distanza koperta permezz tal-mutur elettriku f'km biss huwa l-medda elettrika tal-vettura elettrika ibrida. Dan għandu jiġi aġġustat għall-eqreb numru sħiħ.
- Fejn il-vettura taħdem kemm f'modalità elettrika kif ukoll f'modalità ibrida matul it-test, il-perjodi ta' operat f'modalità elettrika biss għandhom jiġu ddeterminati billi jitkejjel il-kurrent fl-injetturi jew l-ignition.
- 4.2.2. Sabiex tiġi ddeterminata l-medda OVC ta' vettura elettrika ibrida:
- 4.2.2.1. Is-sekwenza applikabbli tat-test kif definita fil-punt 2 tal-Anness II tal-Kapitolu 5, u l-preskrizzjoni tal-bidla fil-gerijiet li takkumpanjaha jiġu applikati fuq dinamometru tax-xażi aġġustat kif deskritt fl-Appendiċi 1 jew l-Appendiċi 1a tal-Anness II tal-Kapitolu 5, sakemm jintlaħqu l-kriterji ta' tmiem it-test.
- 4.2.2.2. Sabiex titkejjel il-medda OVC, il-kriterji ta' tmiem it-test jintlaħqu meta l-batterija tkun laħqet l-istat ta' ċarġ minimu tagħha skont il-kriterji stipulati fis-Subappendiċi 1. Is-sewqan jitkompla sakemm jintlaħaq il-perjodu finali ta' idling.
- 4.2.2.3. Sabiex jiġu rispettati l-ħtiġijiet umani, huma permessi sa tliet interruzzjonijiet bejn is-sekwenzi tat-test, ta' mhux aktar minn 15-il minuta b'kollox.
- 4.2.2.4. Fl-aħħar, id-distanza totali misjuqa f'km, aġġustata għall-eqreb numru sħiħ, hija l-medda OVC (Dovc) tal-vettura elettrika ibrida.

Subappendiċi 3

Il-profil tal-Istat taċ-Ċarġ (SOC) tal-apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika għat-test tat-Tip I tal-OVC HEV


Il-Kundizzjoni A tat-test tat-Tip I



Il-Kundizzjoni A:

- (1) l-istat inizjali taċ-ċarġ tal-apparat tal-ħażna tal-enerġija elettrika;
- (2) id-diċarġ skont il-punti 3.1.2.1 u 3.2.2.2 tal-Appendiċi 3;
- (3) iċ-ċarġ matul it-tixriba skont il-punti 3.1.2.2 u 3.2.2.3.2 tal-Appendiċi 3;
- (4) it-test skont il-punti 3.1.3.2 u 3.2.2.4 tal-Appendiċi 3.

Il-Kundizzjoni B tat-test tat-Tip I



Il-Kundizzjoni B:

- (1) l-istat inizjali taċ-ċarġ;
- (2) id-diċċarġ skont il-punti 3.1.3.1.1 u 3.2.3.2.1 tal-Appendiċi 3;
- (3) it-tixriba skont il-punti 3.1.3.1.2 u 3.2.3.2.2 tal-Appendiċi 3;
- (4) it-test skont il-punti 3.1.3.2 u 3.2.3.3 tal-Appendiċi 3.

ANNEX II

EMENDA GĦALL-ANNEX III TAL-KAPITOLU 9 TAD-DIRETTIVA 97/24/KE

L-Anness III tal-Kapitolu 9 tad-Direttiva 97/24/KE huwa emendat kif ġej:

(1) Il-punt 1.5 li ġej huwa miżjud:

“1.5. ‘Vettura elettrika ibrida (HEV)’ tfisser vettura li, għall-fini ta’ propulsjoni mekkanika, tiegħu l-enerġija miż-żewġ sorsi ta’ enerġija maħżuna fuq il-vettura li ġejjin:

(a) fjuwil konsumabbli;

(g) apparat ta’ ħażna tal-enerġija elettrika (eż.: batterija, kapaċitatur, flywheel/ġeneratur eċċ.)”

(2) Il-punt 2.1.4.4 li ġej huwa mdaħħal:

“2.1.4.4. F’każ ta’ vettura Ibrida, it-testijiet għandhom jitwettqu darbtejn:

(a) Il-Kundizzjoni A: Il-batteriji għandhom ikunu fl-istat ta’ ċarġ massimu taqghom; jekk ikun hemm aktar minn ‘modalità ibrida’ waħda disponibbli, għandha tintgħażel għat-test l-aktar modalità ibrida elettrika;

(b) Il-Kundizzjoni B: Il-batteriji għandhom ikunu fl-istat ta’ ċarġ minimu taqghom; jekk ikun hemm aktar minn ‘modalità ibrida’ waħda disponibbli, għandha tintgħażel għat-test il-modalità ibrida li tikkonsma l-aktar fjuwil”

(3) Il-punt 2.1.5.5 li ġej huwa mdaħħal:

“2.1.5.5. F’każ ta’ vetturi Ibridi, jekk il-medja tal-erba’ riżultati tal-Kundizzjoni A u jekk il-medja tal-erba’ riżultati tal-Kundizzjoni B ma jaqsbux il-livell massimu permessibbli għall-kategorija li l-vettura li tkun qiegħda tiġi ttestjata tappartjeni lilha, il-limiti stipulati fil-punt 2.1.1 għandhom jitqiesu bħala konformi.

L-ogħla valur medju għandu jikkostitwixxi r-riżultat tat-test.”

ANNEX III

EMENDA GĦALL-ANNEX IV TAL-KAPITOLU 9 TAD-DIRETTIVA 97/24/KE

L-Anness IV tal-Kapitolu 9 tad-Direttiva 97/24/KE huwa emendat kif ġej:

(1) Il-punt 1.5 li ġej huwa miżjud:

“1.5. “Vettura elettrika ibrida (HEV)” tfisser vettura li, għall-fini ta’ propulsjoni mekkanika, tieħu l-enerġija miż-żewġ sorsi ta’ enerġija maħżuna fuq il-vettura li ġejjin:

(a) fjuwil konsumabbli;

(h) apparat ta’ ħażna tal-enerġija elettrika (eż.: batterija, kapaċitatur, flywheel/ġeneratur eċċ.) ...”

(2) Il-punt 2.2.4.5 li ġej huwa mdaħħal:

“2.2.4.5. F’każ ta’ vettura Ibrida, it-testijiet għandhom jitwettqu darbtejn:

(a) Il-Kundizzjoni A: Il-batteriji għandhom ikunu fl-istat ta’ ċarġ massimu taqħhom; jekk ikun hemm aktar minn “modalità ibrida” waħda disponibbli, għandha tintgħażel għat-test l-aktar modalità ibrida elettrika;

(b) Il-Kundizzjoni B: Il-batteriji għandhom ikunu fl-istat ta’ ċarġ minimu taqħhom; jekk ikun hemm aktar minn “modalità ibrida” waħda disponibbli, għandha tintgħażel għat-test il-modalità ibrida li tikkonsma l-aktar fjuwil”

(3) Il-punt 2.2.5.5 li ġej huwa mdaħħal:

“2.2.5.5. F’każ ta’ vetturi Ibridi, jekk il-medja tal-erba’ riżultati tal-Kundizzjoni A u jekk il-medja tal-erba’ riżultati tal-Kundizzjoni B ma jaqḥzux il-livell massimu permessibbli għall-kategorija li għaliha tappartjeni l-vettura li tkun qiegħda tiġi ttestjata, il-limiti stipulati fil-punt 2.2.1 għandhom jitqiesu bħala konformi.

L-ogħla valur medju għandu jikkostitwixxi r-riżultat tat-test.”

II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Awwissu 2009

dwar in-nuqqas ta' inklużjoni taż-żejt tal-pitrolju CAS 92062-35-6 fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dik is-sustanza

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 6303)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/616/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

tad-Direttiva 91/414/KEE. Dik il-lista tinkludi ż-żejt tal-pitrolju CAS 92062-35-6.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti ⁽¹⁾, u b'mod partikolari r-raba' sottoparagrafu tal-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE jistipula li Stat Membru, matul perjodu ta' 12-il sena wara n-notifika ta' dik id-Direttiva, jista' jawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jkun fihom sustanzi attivi li ma jkunux jinsabu fl-Anness I ta' dik id-Direttiva u li jkunu diġà fis-suq sentejn wara n-notifika, waqt li daww is-sustanzi jkunu qed jiġu investigati gradwalment fil-qafas ta' programm ta' ħidma.
- (2) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1112/2002 ⁽²⁾ u (KE) Nru 2229/2004 ⁽³⁾ jistipulaw ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-raba' stadju tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE u jstabbilixxu lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu evalwati, bl-għan li jiġu possibilment inklużi fl-Anness I

- (3) Għaż-żejt tal-pitrolju CAS 92062-35-6 l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent ġew ivvalutati skont id-dispożizzjonijiet stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1112/2002 u (KE) Nru 2229/2004 għal firxa ta' użi proposti min-notifikant. Barra minn dan, daww ir-Regolamenti jsemmu liema huma l-Istati Membri relaturi li għandhom iressqu r-rapporti tal-valutazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-EFSA) skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament (KE) Nru 2229/2004. Għaż-żejt tal-pitrolju CAS 92062-35-6 l-Istat Membru relatur kien Spanja u l-informazzjoni kollha rilevanti tressqet f'Marzu 2008.

- (4) Il-Kummissjoni eżaminat iż-żejt tal-pitrolju CAS 92062-35-6 skont l-Artikolu 24a tar-Regolament (KE) Nru 2229/2004. Abbozz tar-rapport tar-reviżjoni għal dik is-sustanza ġie rivedut mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali u ġie ffinalizzat fit-12 ta' Marzu 2009 fil-format tar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni.

- (5) Waqt l-eżaminazzjoni taż-żejt tal-pitrolju CAS 92062-35-6 mill-Kumitat, ġie konkluż, filwaqt li ġew ikkunsidrati kummenti li waslu mill-Istati Membri, li jrid jiġi kkunsidrat li hemm indikazzjonijiet ċari li jista' jkun li dik is-sustanza attiva għandha effetti dannużi fuq is-saħħa tal-bniedem u b'mod partikolari fuq il-konsumatur u l-operaturi, minħabba li l-evidenza eżistenti mhix biżżejjet biex tippermetti t-twaqqif tal-ADI, ARfD u l-AOEL.

⁽¹⁾ ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 168, 27.6.2002, p. 14.

⁽³⁾ ĠU L 379, 24.12.2004, p. 13.

- (6) Il-Kummissjoni stiednet lin-notifikant biex jippreżenta l-kummenti tiegħu dwar l-eżami taż-żejt tal-Pitrolju CAS 92062-35-6 u dwar jekk kienx biħsiebu jkompli jostni is-sustanza jew le. In-notifikant ressaq il-kummenti tiegħu li ġew investigati bir-reqqa. Madankollu, minkejja l-argumenti mressqa min-notifikant, it-tħassib identifikat ma setax jiġi eliminat, u l-evalwazzjonijiet li saru fuq il-bażi tat-tagħrif ippreżentat ma wrewx li jista' jkun mistenni li, fil-kundizzjonijiet proposti ta' użu, prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom iż-żejt tal-Pitrolju CAS 92062-35-6 jissodisfaw b'mod ġenerali r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE.
- (7) Għalhekk, iż-żejt tal-pitrolju CAS 92062-35-6 ma għandux ikun inkluż fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.
- (8) Għandhom jittieħdu miżuri biex jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet mogħtija għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jkun fihom iż-żejt tal-pitrolju CAS 92062-35-6 jiġu ritirati fi żmien perjodu preskritt u ma jiġġeddux, u li ma jingħatawx awtorizzazzjonijiet ġodda għal prodotti bħal dawn.
- (9) Kull perjodu ta' konċessjoni mogħti minn Stat Membru għar-rimi, il-ħażna, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' ħażniet eżistenti ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom iż-żejt tal-pitrolju CAS 92062-35-6 għandu jkun limitat għal perjodu ta' tnax-il xahar biex jippermetti li l-ħażniet eżistenti jkunu użati fi staġun ieħor tat-tkabbir, li jiżgura li l-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom iż-żejt tal-pitrolju CAS 92062-35-6 jibqgħu disponibbli għall-utenti sa 18-il xahar wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (10) Din id-Deċiżjoni hija bla ħsara għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għaż-żejt tal-pitrolju CAS 92062-35-6 skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 33/2008 tas-17 ta' Jannar 2008 li jstipulaw regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward ta' proċedura regolari u aċċelerata għall-evalwazzjoni ta' sustanzi attivi li kienu jagħmlu parti mill-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) ta' dik id-Direttiva iżda li ma ġewx inklużi fl-Anness I tagħha⁽¹⁾, bil-ħsieb ta' inklużjoni possibbli fl-Anness I tagħha.
- (11) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Iż-żejt tal-pitrolju CAS 92062-35-6 ma għandux ikun inkluż bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

- (a) awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom iż-żejt tal-pitrolju CAS 92062-35-6 jkunu ritirati sas-17 ta' Frar 2010;
- (b) l-ebda awtorizzazzjoni għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom iż-żejt tal-pitrolju CAS 92062-35-6 mhi se tingħata jew tiġġedded mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Kull perjodu ta' konċessjoni mogħti mill-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 91/414/KEE, għandu jkun qasir kemm jista' jkun u għandu jiskadi mhux aktar tard mis-17 ta' Frar 2011.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, is-17 ta' Awwissu 2009.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 15, 18.1.2008, p. 5.

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Awwissu 2009

dwar in-noninklużjoni taż-żejt tal-pitrolju CAS 64742-54-7 fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom din is-sustanza

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 6305)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/617/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti⁽¹⁾, u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE jstipula li Stat Membru, matul perjodu ta' 12-il sena wara n-notifika ta' dik id-Direttiva, jista' jawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom sustanzi attivi li ma jkunux jinsabu fl-Anness I ta' dik id-Direttiva u li jkunu diġà fis-suq sentejn wara n-notifika, waqt li dawk is-sustanzi jkunu qed jiġu investigati gradwalment fil-qafas ta' programm ta' ħidma.
- (2) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1112/2002⁽²⁾ u (KE) Nru 2229/2004⁽³⁾ jstipulaw ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-raba' stadju tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE u jstabbilixxu lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu evalwati, bl-għan li jiġu possibbilment inklużi fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE. Din il-lista tinkludi l-pitrolju CAS 64742-54-7.
- (3) Għall-pitrolju CAS 64742-54-7, l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent ġew evalwati skont id-dispożizzjonijiet stipulati mir-Regolamenti (KE) Nru 1112/2002 u (KE) Nru 2229/2004 għal firxa ta' użi proposti min-notifikant. Barra minn hekk, dawn ir-Regolamenti jinnominaw lill-Istati Membri relaturi li għandhom jippreżentaw ir-rapporti ta' valutazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà Alimentari (EFSA) skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament (KE) Nru 2229/2004. Għall-pitrolju CAS 64742-54-7, l-Istat Membru Relatur kien il-Greċja u t-tagħrif rilevanti kollu ntbagħat f' April 2008.

- (4) Il-Kummissjoni eżaminat il-pitrolju CAS 64742-54-7 skont l-Artikolu 24a tar-Regolament (KE) Nru 2229/2004. Abbozz tar-rapport tar-reviżjoni għal dik is-sustanza ġie rivedut mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali u ġie ffinalizzat fit-12 ta' Marzu 2009 fil-format tar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni.
- (5) Waqt l-eżaminazzjoni tal-pitrolju CAS 64742-54-7 mill-Kumitat, ġie konkluż, waqt li tqiesu l-kummenti tal-Istati Membri, li hemm indikazzjonijiet ċari li wieħed jista' jistenna li s-sustanza attiva jkollha effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-bniedem u partikolarment fil-każ tal-konsumaturi u l-operaturi għaliex l-evidenza li teżisti mhijiex suffiċjenti li tippermetti li jiġu stabbiliti ADI (Doża Akċettabbli ta' Kuljum), ArfD (Doża Akuta ta' Referenza) u AOEL (Livell Akċettabbli tal-Espożizzjoni tal-Operatur).
- (6) Il-Kummissjoni stiednet lin-notifikant biex jippreżenta l-kummenti tiegħu dwar l-eżami tal-pitrolju CAS 64742-54-7 u dwar jekk kienx biħsiebu jkompli jappoġġa jew le lis-sustanza. In-notifikant ressaq il-kummenti tiegħu li ġew investigati bir-reqqa. Madankollu, minkejja l-argumenti mressqa min-notifikant, it-tħassib li tqajjem ma setax jiġi eliminat, u l-istimi li saru, imsejsa fuq l-informazzjoni li tressqet, ma wrewx li jista' jkun mistenni li, fil-kundizzjonijiet proposti għall-użu, il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-pitrolju CAS 64742-54-7 jissodisfaw b'mod ġenerali r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE.
- (7) Għalhekk, il-pitrolju CAS 64742-54-7 m'għandux ikun inkluż fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.
- (8) Għandhom jittieħdu miżuri biex jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet mogħtija għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom il-pitrolju CAS 64742-54-7 jiġu rtirati fi żmien perjodu preskritt u ma jiġux imġedda u li ma jingħatawx awtorizzazzjonijiet ġodda għal prodotti bħal dawn.
- (9) Kull perjodu ta' konċessjoni mogħti minn xi Stat Membru għar-rimi, għall-ħażna, għat-tqegħid fis-suq u għall-użu ta' ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-pitrolju CAS 64742-54-7 għandu jkun limitat għal perjodu ta' tnax-il xahar biex jippermetti li l-ħażniet eżistenti jkunu użati sa staġun ieħor tat-tkabbir, u dan jiżgura li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-pitrolju CAS 64742-54-7 jistgħu jibqgħu jinkisbu mill-bdiewa sa 18-il xahar wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 168, 27.6.2002, p. 14.⁽³⁾ ĠU L 379, 24.12.2004, p. 13.

- (10) Din id-Deċiżjoni hija bla ħsara għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal-pitolju CAS 64742-54-7 skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 33/2008 tas-17 ta' Jannar 2008 li jistipula r-regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward ta' proċedura regolari u mħaffa għall-valutazzjoni ta' sustanzi attivi li kienu jagħmlu parti mill-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) ta' din id-Direttiva iżda li ma ġewx inklużi fl-Anness I tagħha ⁽¹⁾, bil-ħsieb ta' inklużjoni possibbli fl-Anness I tagħha.
- (11) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pitolju CAS 64742-54-7 m'għandux ikun inkluż fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

- (a) l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-pitolju CAS 64742-54-7 ikunu revokati sas-17 ta' Frar 2010;
- (b) l-ebda awtorizzazzjoni għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-pitolju CAS 64742-54-7 m'hi se tingħata jew tiġġedded mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Kull perjodu ta' konċessjoni mogħti mill-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 91/414/KEE, għandu jkun qasir kemm jista' jkun u għandu jiskadi sa mhux aktar tard mis-17 ta' Frar 2011.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, is-17 ta' Awwissu 2009.

Għall-Kummissjoni

Androulla VASSILIOU

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 15, 18.1.2008, p. 5.

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 000 EUR fis-sena (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	100 EUR fix-xahar (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	700 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	70 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	40 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	500 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

(*) Il-prezz kull kopja: bi 32 paġna: 6 EUR
minn 33 sa 64 paġna: 12 EUR
aktar minn 64 paġna: Prezz fiss għal kull każ

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li jroġġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>